

DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tat-22 ta' Ottubru 2012

li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tiddieħed mill-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kunsill Ġenerali tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ dwar l-adeżjoni tar-Repubblika Demokratika Popolari tal-Laos fil-WTO

(2012/656/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 91, 100(2), u 207(4), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Fl-16 ta' Lulju 1997 il-Gvern tar-Repubblika Demokratika Popolari tal-Laos (il-Laos) applika għall-adeżjoni fil-Ftehim ta' Marrakesh li jstabbilixxi l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO), skont l-Artikolu XII ta' dan il-Ftehim.
- (2) Fil-19 ta' Frar 1998 twaqqaf Grupp ta' Ħidma dwar l-adeżjoni tal-Laos biex jintlaħaq ftehim dwar it-termini tal-adeżjoni aċċettabbli għal-Laos u l-Membri kollha tal-WTO.
- (3) Il-Kummissjoni, fisem l-Unjoni, innegozjat serje komprensiva ta' impenji fir-rigward tal-ftuħ tas-suq min-naħa tal-Laos li jissodisfaw it-talbiet tal-Unjoni u huma skont il-livell ta' żvilupp tal-Laos.
- (4) Dawn l-impenji huma issa inkorporati fil-Protokoll ta' Adeżjoni tal-Laos fil-WTO.
- (5) L-adeżjoni fil-WTO hija mistennija tagħmel kontribut pożittiv u dejjiemi għall-proċess ta' riforma ekonomika u żvilupp sostenibbli fil-Laos.

(6) Il-Protokoll ta' Adeżjoni għandu għalhekk jiġi approvat.

(7) L-Artikolu XII tal-Ftehim li jstabbilixxi l-WTO jstipula li t-termini tal-adeżjoni għandhom jaqblu dwarhom il-Membri tal-adeżjoni u l-WTO, u li l-Konferenza Ministerjali tal-WTO tapprova t-termini tal-adeżjoni min-naħa tal-WTO. L-Artikolu IV.2 tal-Ftehim li jstabbilixxi li l-WTO jipprevedi li matul l-intervalli bejn il-laqgħat tal-Konferenza Ministerjali, il-funzjonijiet tagħha għandhom jitmexxew mill-Kunsill Ġenerali.

(8) Għalhekk, huwa meħtieġ li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tiegħu l-Unjoni fi ħdan il-Kunsill Ġenerali tal-WTO dwar l-adeżjoni tal-Laos fil-WTO,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tiegħu l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kunsill Ġenerali tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ dwar l-adeżjoni tar-Repubblika Demokratika Popolari tal-Laos fil-WTO, hija li tapprova l-adeżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fil-Lussemburgu, it-22 ta' Ottubru 2012.

Għall-Kunsill

Il-President

S. ALETRARIS